# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 10**

**Rikors numru 328/15/1 LM**

**FIN Limited (C – 57021)**

**v.**

**Kevin Bonanno**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat Kevin Bonanno minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Settembru, 2017 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, dik il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-kumpanija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "FIN") u ordnat lill-intimat (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") iħallas lil FIN €20,965.23, li tirrappreżenta

nofs il-paga li kien jirċievi li kieku kompla saż-żmien kollu miftiehem l-impjieg tiegħu ma' dik il-kumpanija minflok irriżenja qabel iż-żmien;

2. L-appellant kien laqa' għal dik l-azzjoni billi qal li t-talbiet ta' FIN ma messhomx jintlaqgħu għaliex huwa ma kellu jagħtiha xejn għaliex ma kienx minnu li huwa temm l-impjieg qabel iż-żmien, ladarba kien ta avviż u l-kuntratt kien wieħed għal żmien indefinit, u f'kull każ, huwa kien qiegħed is-somma mitluba minn FIN taħt l-awtorità tal-Qorti permezz ta' ċedola, u għalhekk, l-ebda mgħax ma kellu jimxi fuq l-ammont mitlub. Żied jgħid li kellu raġunijiet tajbin u biżżejjed għalfejn temm l-impjieg tiegħu minn ma' FIN u ma kellux ibati spejjeż tal-kawża;

3. Il-qofol tal-kwistjoni bejn il-partijiet kienet iddur man-natura tal-kuntratt tal-impjieg tal-appellant. FIN sejset il-każ tagħha fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36(12) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali[1] għax tgħid li l-kuntratt li tat lill-appellant kien wieħed għal żmien definit u għaliex l-istess appellant irriżenja qabel ma għalaq iż-żmien miftiehem f'dak il-kuntratt. Min-naħa tiegħu, l-appellant jgħid li l-kuntratt li ngħata kien għal żmien li ma jagħlaqx (indefinit) u għalhekk, ladarba ta avviż biżżejjed li se jitlaq, seta' jagħżel li jtemm l-impjieg bla ma jkollu għalfejn iħallas xejn u bla ma kellu għalfejn jagħti raġuni,

---

[1] Att XXII tal-2002 (Kap. 452).

għalkemm jgħid ukoll li kellu raġunijiet tajbin biżżejjed li wassluh biex itemm l-impjieg tiegħu;

4. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Din il-kawża tirrivolvi għalkollox fuq il-kredibbiltà u l-konsistenza tal-provi ta' naħa jew ta' oħra. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, illi min qed jallega jrid jipprova hu dak li qed jallega, ossija* onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà attriċi trid għalhekk tipprova t-talbiet tagħha filwaqt li l-konvenut irid jissostanzja l-eċċezzjonijiet tiegħu. Il-problema evidenti f'din il-kawża hija li filwaqt li s-soċjetà attriċi esebiet il-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut iffirmat biss fl-aħħar paġna tiegħu bil-paġni ta' qabel li mhumiex inizjalati, fejn huwa stipulat li l-kuntratt kien wieħed definit għal tliet snin, il-konvenut min-naħa tiegħu qed jallega li l-ewwel paġna tal-kuntratt li hu inizjala ma kienx hemm stipulat li l-kuntratt kien għal perjodu definit. Il-konvenut jikkontendi li hu ma kienx ingħata kopja tal-kuntratt iffirmat u inizjalat minnu. Il-konvenut isostni wkoll li għall-bidu r-reġistrazzjoni tal-impjieg mal-ETC fuq il-formola relattiva ffirmata mis-soċjetà attriċi, kienet tgħid illi l-konvenut ġie ingaġġjat mis-soċjetà attriċi fuq* indefinite contract*. Sussegwentement is-soċjetà attriċi ddikjarat mal-ETC li kien sar żball ġenwin min-naħa tagħha fil-mili ta' din il-formola, li ma kinetx tirrifletti l-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut li kien għal perjodu definittiv.*
>
> *Tqis illi dak li tikkontendi s-soċjetà attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha għar-rigward tal-awtentiċità tal-firma tal-konvenut fuq il-kuntratt tal-impjieg tiegħu*[2] *fl-ambitu tal-artikolu 634(1) tal-Kap. 12, huwa sa ċertu punt superfluwu 'l għaliex il-konvenut imkien ma jsostni li l-firma fl-aħħar paġna tal-imsemmi kuntratt mhijiex tiegħu, anzi dan bl-ebda mod ma ġie ikkontestat. Dak li jikkontesta l-konvenut huwa li l-paġni l-oħrajn tal-kuntratt kienu ġew inizjalati minnu, mentri l-ewwel ħames paġni tal-kuntratt li ġie esebit mis-soċjetà attriċi fl-atti ta' din il-kawża ma fihomx l-inizjali tal-konvenut. Il-konvenut jgħid ukoll li meta ffirma u inizjala l-kuntratt tal-impjieg tiegħu, il-paġna tal-kuntratt kienu sfużi.*
>
> *Tqis ukoll li l-Qorti lanqas m'għandha għalfejn tidħol fil-kwistjoni ta' kif tista' tiġi verifikata firma abbażi tar-regoli enunzjati fl-artikolu 635 tal-Kap. 12, 'il għaliex dak li għandha quddiem il-Qorti mhux allegazzjoni ta' xi firma falza imma allegazzjoni ta' frodi illi l-paġni tal-kuntratt li kienu*

[2] A fol. 33.

*inizjalati mill-konvenut ġew mibdula mis-soċjetà attriċi b'paġni b'kontenut differenti li ma kienx iffirma għalih il-konvenut.*

*Bl-istess mod ftit li xejn jista' jkun ta' għajnuna l-artikolu 981 tal-Kodiċi Ċivili*[3] *li ġie invokat mis-soċjetà attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, fejn jingħad li għemil doluż jista' jwassal biex jiġi annullat kuntratt, għax fil-kawża odjerna dak li għandha quddiemha l-Qorti mhuwiex każ ta' kuntratt li ġie ffirmat wara ingann jew għemil doluż, ċirkustanzi li jrid jippruvahom minn jallegahom, imma l-allegazzjoni li l-kuntratt li ġie esebit mis-soċjetà attriċi ma jinkludix dakollu li ffirmaw għalih il-partijiet, tant li kellu paġni minnu mibdulin. L-artikolu 981 tal-Kap. 16 preċitat jittratta l-vizzji tal-kunsens li minħabba fihom kuntratt jista' jiġu annullat jew dikjarat invalidu, mentri fil-każ odjern il-konvenut qed jikkontendi li s-soċjetà attriċi wettqet frodi mhux fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt imma wara meta allegatament is-soċjetà attriċi bidlet xi paġni mill-istess kuntratt.*

*Il-veru eżerċizzju li jrid jitwettaq mill-Qorti huwa li jiġu mgħarbla sew il-provi kontrastanti biex jiġi stabbilit liema hi l-verżjoni vera miż-żewġ verżjonijiet kunfliġġenti tal-partijiet. Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja*[4]*. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet.*[5] *Mhux lewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.*

*Kif kien ingħad mill-Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran:*

> *"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn*

---

[3] *"981. (1) L-egħmil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta. (2) L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat."*

[4] **Borg vs. Bartolo,** App. Inf., 25.06.1980.

[5] Ara wkoll **Caruana vs. Laurenti**, P.A., 08.04.1994, **Borg vs. Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo vs. Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit vs. Petrococchino,** App. Kumm., 25.02.1952.

*verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*[6]

*Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet* ***Middle Sea Insurance p.l.c. noe vs. Victor Sammut*** *irreteniet illi:*

*"F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.*[7]*"*

*Illi fil-fatt fis-sentenza* ***Brigitte Vella pro et noe vs. Richard Vella***[8] *ġie ritenut li:*

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".*

*Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi***[9] *fejn ingħad illi:*

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:*

---

[6] **Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966.
[7] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D. vs. Bieb Bieb Limited et.**, P.A., 09.12.2011.
[8] Q.A., 05.10.2001.
[9] App. Inf., 12.04.2007.

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur (reus in excipiendo fit actor) –Ara* ***Vol. XLVI, P.i, p.5****.*

*b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur ija sostenuta – Ara* ***Vol. XXXVII, P.i, p.577****;*

*ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi* iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti millpartijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju* ***Ramchand Kilumal noe vs. Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."*

*Illi fil-kawża fl-ismijiet* ***Lawrence u Anthony Fino pro et noe vs. Joseph u Charles Fino****56*[10] *ngħad ukoll:*

*"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re:* ***Enrico Camilleri vs. Martin Borg****, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re:* ***E Zammit vs. Petrococchino****, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u* ***Paul Vassallo vs. C. Pace****, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet".*

*Applikati għall-kawża odjerna dawn il-prinċipji legali stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, tqis bħala pjuttost inverosimili li l-konvenut, li skont l-employment history tiegħu tal-ETC ma kienx xi prinċipjant fid-dinja tax-xogħol, qagħad jieħu l-briga li jikkuntattja lill-*

[10] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.

*ETC fil-bidu tal-impjieg tiegħu biex jara li kollox kien kif suppost, imma mbagħad ma rnexxilux jipprokura sempliċi kopja tal-kuntratt mingħand min kien jimpjegah. Din il-Qorti ma tistax temmen dak li sostna l-konvenut li għal sena u tliet xhur sħaħ, aċċetta li ma tingħatalux kopja tal-kuntratt li kien iffirma bl-iskuża li kienu qed isiru xi emendi fih. Il-konvenut kien imissu talab illi jingħatalu lura l-kuntratt li kien iffirma, jekk tassew is-soċjetà attriċi kienet se tagħmel xi emendi fih, sabiex jiżgura li tali emendi jsiru bil-kunsens tiegħu. Il-konvenut bl-ebda mod ma implika li kellu xi biżgħa jew li kien taħt xi forma ta' pressjoni mid-diretturi tas-soċjetà attriċi, li żammitu milli jinsisti għal kopja tiegħu tal-kuntratt, aktar u aktar meta kellu f'idejh kopja tal-formola tal-bidu tal-impjieg tiegħu.*

*Tqis ukoll bħala improbabbli u inverosimili illi meta l-konvenut ħa l-pass li jikteb lis-soċjetà attriċi għall-kopja tiegħu tal-kuntratt tax-xogħol, mill-kompjuter tiegħu tax-xogħol, dan ma kienx żamm kopja tal-e-mail tiegħu. Il-konvenut ċertament mhux xi persuna li ma jafx x'inhuma d-drittijiet tiegħu, bil-kwalifiċi, bil-livell ta' taħriġ u bl-esperjenza li għandu. F'Novembru 2013 il-konvenut mar l-ETC JobCentre il-Belt Valletta u talab rekord tal-impjieg tiegħu biex jara li kellu kollox sew u jgħid fir-rekords tal-ETC kien jidher ċar li l-impjieg tiegħu ma' FIN Limited kien irreġistrat bħala Project Manager, Full Time u b'kuntratt indefinit mit-23 ta' Settembru, 2013. Il-konvenut ma jagħti l-ebda raġuni plawsibbli għalfejn ħass in-neċessità li jivverifika mal-ETC jekk kellux kollox sew.*

*Illi kwantu għal dak isostni l-konvenut illi baqa' ma ngħatax kopja tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu għal aktar minn sena u tliet xhur, tqis bħala l-aktar konklużjoni plawżibbli fiċ-ċirkostanzi, illi kien jikkonvjeni għall-konvenut li jsostni li ma kienx ingħata kopja tal-kuntratt, 'il għaliex meta ġietu l-opportunità ta' xogħol li tirrendilu aktar flus, f'dak l-istadju l-kuntratt li kellu mas-soċjetà attriċi seta' kien skomdu għalih li kien għad għandu irbit mas-soċjetà attriċi għal sentejn oħra. Il-fatt li l-konvenut kellu f'idejh kopja tal-formola tal-ETC fejn ġie reġistrat bħala impjegat full time fuq kuntratt indefinit, setgħet ukoll kienet ir-raġuni għalfejn il-konvenut beda jsostni li ma kienx ingħata kopja tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu u l-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut li eventwalment ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi lill-ETC ma kienx il-kuntratt li kien iffirma l-konvenut.*

*Tqis ukoll bħala inverosimili u improbabbli illi għad illi l-konvenut jammetti li kien jaf li s-soċjetà attriċi kienet kumpannija relattivament ġdida, u għad illi kien staqsa ħafna domandi dwar l-impjieg tiegħu qabel ma ffirma il-kuntratt, ma kienx staqsa jekk kienx ser ikun fuq kuntratt indefinit jew le.*

*Min-naħa l-oħra l-Qorti tqis li huwa plawżibbli ħafna li kumpannija ġdida bħas-soċjetà attriċi timpjega l-impjegati maniġerjali tagħha bħal konvenut, b'kawtela fuq kuntratti ta' tliet snin biex tkun tista' tara kif ser tkabbar u tiżviluppa n-negozju tagħhom u mhux timpjegahom għal perjodu indefinit.*

*Tqis li huma verosimili anki l-iżbalji li saru mis-soċjetà attriċi fil-mili tal-formoli tal-ingaġġ li tingħata lill-ETC kemm tal-konvenut u kemm ta' impjegati oħrajn. Ix-xhud Jean Paul Camilleri attwalment impjegat tas-soċjetà attriċi, jammetti li l-pożizzjoni tiegħu kienet bħal tal-konvenut, b'kuntratt b'terminu definit. Jirriżulta mir-records tal-ETC li kien sar l-istess żball fil-konfront ta' Jean Paul Camilleri fil-mili tal-formoli tal-bidu fis-seħħ tal-impjieg. Anki Jonathan Farrugia, li kien impjegat tas-soċjetà attriċi, jikkonferma li anki hu kellu kuntratt għal tliet snin u kien jaf x'kien jgħid il-kuntratt tiegħu u ngħatatlu kopja tiegħu mingħajr ebda problema. Tqis illi b'dan il-mod is-soċjetà ikkorroborat dak li attwalment seħħ fir-rigward tal-konvenut.*

*Min-naħa tiegħu l-konvenut fir-Risposta Maħlufa tiegħu jagħti eċċezzjoni fis-sens li huwa kellu wkoll raġunijiet validi għalfejn itemm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi u li dan għandu jeżentah mill-ħlas tal-penali imposta mil-liġi f'każ ta' terminazzjoni ta' kuntratt definittiv. Iżda l-konvenut lanqas biss ittenta mqar iressaq l-iċken prova in sostenn ta' dak li ġie allegat minnu u li għalhekk jidher li ma kien minnu xejn. Tant hu hekk l-ittra ta' riżenja tal-konvenut kienet altru milli tirrifletti terminazzjoni sfurzata, għax il-konvenut jammetti li kien sab impjieg fejn kien ser jitħallas aktar u ttermina l-impjieg li kellu għal din ir-raġuni. Tqis illi dan kollu jimpinġi mhux ftit fuq il-kredibbiltà tal-konvenut.*

*Filwaqt li d-diretturi tas-soċjetà attriċi taw spjegazzjoni konvinċenti dwar l-iżball li kienu għamlu fil-mili tal-formola tal-ETC u ppruvaw sal-grad rikjest mil-liġi li dak li sar fil-konfront tal-konvenut, sar ukoll fir-rigward ta' impjegati oħrajn tagħhom, il-konvenut baqa' ma ressaq ebda prova konvinċenti in sostenn tat-teżi tiegħu u dak li jsemmi mhuma xejn ħlief insinwazzjonijiet li ma setax jipprova.*

*Għaldaqstant il-Qorti hija moralment konvinta li Sergio Zammit u Glenn Galdes, diretturi tas-soċjetà attriċi kienu qed jgħidu l-verità fix-xhieda tagħhom u li fil-fatt il-kuntratt li attwalment ġie ffirmat mill-konvenut fil-kompletezza tiegħu, huwa dak esebit a fol. 28 sa 33 tal-proċess.*

*Illi fi klawsola 4.5 ta' dan il-kuntratt ġie stipulat li kundizzjonijiet oħra mhux stipulati fil-kuntratt huma regolati mil-liġijiet ta' Malta li huma applikabbli.*[11] *L-artikolu 36(5) tal-Kap. 452, l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jgħid li f'każ ta' kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu l-avviż tat-temm ta' impieg li jkun bi ħsiebu jagħmel l-impjegat għandu jkun ta' ġimagħtejn meta l-impjegat kien ilu fl-impieg tal-istess prinċipal kontinwament għal iżjed minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sentejn. Skont l-artikolu 36(12) tal-Kap. 452, f'każ ta' kuntratt ta' servizz definit, impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz, għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament*

[11] "Other conditions not stipulated herein, shall be governed by the applicable laws of Malta".

*miftiehem, esklużi kull rimunerazzjoni għal sahra, kull forma ta' bonus, kull allowance, u rimunerazzjoni mod ieħor milli bi flus u kummissjonijiet.*

*Illi Richard Falzon l-accountant tas-soċjetà EF & Co. Limited li jaħdem il-pagi tas-soċjetà attriċi, xehed illi skont il-kalkoli tiegħu s-somma dovuta mill-konvenut lis-soċjetà attriċi ai termini tal-artikolu 36(12) tal-Kap. 452 hija €20,965.23, li apparti li tidher li hija maħduma b'mod korrett, il-konvenut ma kkonatestax dan il-kalkolu bħala quantum.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***Cavendish Hotels vs. Jesmond Beck***[12], *jingħad illi:*

> *"Konsimili għal każ ta' liċenzjament, ir-riżenja volontarja mis-servizz, u allura r-reċess mill-kuntratt ta' impjieg, huma marbuta mal-prinċipju tal-kawża ġusta, a sensu tal-Artikolu 36 tal-Att XXII tal-2002. Naturalment din il-kawża ġusta jew raġuni tajba trid tiġi rigorożament pruvata minn min jadduċiha bħala liberazzjoni mill-konsegwenzi li ssemmi l-liġi; f'dan il-każ, il-konvenut-impjegat. Naturalment ukoll, l-aċċertament relattiv hu affidat lill-ġudikant u dan għandu jinvestiga u jevalwa jekk l-addebitu ventilat mill-konvenut għandux verament riskontru fir-realtà jew huwiex sempliċi pretest biex il-konvenut jeħles mill-obbligu kuntrattwali u legali li jħallas lil min iħaddmu "somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem" (Artikolu 36 (12) tal-Att imsemmi)."*

*Illi anki l-każ odjern jittratta riżenja volontarja, u għalkemm f'waħda mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut jingħad li huwa kellu raġunijiet tajba u biżżejjed għalfejn itemm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi u għalhekk ebda ammont ma huwa dovut lilha, il-konvenut ma ressaq ebda provi f'dan ir-rigward kif kellu l-obbligu li jagħmel, iżda għal kuntrarju wera li r-riżenja tiegħu kienet iddettata minn xejn ħlief il-libera xelta tiegħu wara li nqalgħatlu opportunità ta' xogħol ieħor b'paga aħjar li huwa ma xtaqax jitlef. Assolutament ma kien hemm ebda pressjoni da parti tas-soċjetà attriċi fuq l-konvenut biex jitlaq, anzi jammetti li rieduh jibqa' u fl-ittra ta' riżenja tiegħu l-konvenut ma kellu xejn ħlief kliem ta' tifħir fil-konfront tas-soċjetà attriċi.*[13]";

5. Fir-rikors tal-Appell imressaq minnu fit-13 ta' Ottubru, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellant qal li ħassu aggravat mill-imsemmija sentenza billi jilmenta li l-Ewwel Qorti sejset il-konvinċiment tagħha dwar lil min, mill-partijiet, kellha temmen fuq "fatti li ma jirriżultawx mill-proċess

[12] Appell (Sede Inferjuri) (PS), 23.11.2005.
[13] A fol. 69.

jew mill-provi esebiti" li b'hekk wassluha għall-konklużjonijiet jew "assunzjonijiet fuq ipoteżi li ma jinkwadrawx ruħhom fil-provi mressqa fil-mori tal-kawża, u konsegwentement ġie miksur il-prinċipju sagrosant tal-proċedura li *quod non est in actis non est in mundo*". Qajjem żewġ aggravji oħrajn: huwa jgħid li l-Ewwel Qorti fissret ħażin it-tielet eċċezzjoni tiegħu u ma tatx tifsira tajba ta' x'ried jgħid biha meta f'dik l-eċċezzjoni qal li kellu raġunijiet validi biex itemm l-impjieg tiegħu minn ma' FIN; u fl-aggravju l-ieħor (li jixbaħ u jinbena fuq l-ewwel wieħed) jgħid li kieku l-Ewwel Qorti mxiet mal-provi li kellha quddiemha fl-atti, kienet issib li huwa kellu kuntratt għal żmien li ma jagħlaqx u mhux kuntratt għal żmien definit;

6. Fuq is-saħħa ta' dawn l-aggravji, l-appellant talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermha safejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni tiegħu dwar minn meta kien imissu jibda miexi l-imgħax, tħassarha għal-bqija billi tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tiegħu u billi tiċħad it-talbiet kollha ta' FIN, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

7. FIN laqgħet għal dan l-appell bi Tweġiba mressqa minnha fil-31 ta' Ottubru, 2017 li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li din il-Qorti jmissha tiċħdu u tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant;

8. Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-28 ta' Ġunju, 2022, f'liema smigħ ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

10. Illi din il-kawża titkellem dwar it-temm ta' mpjieg minn impjegat u l-konsegwenzi li dak it-temm ġab miegħu. Billi FIN tgħid li l-appellant kien impjegat magħha fuq kuntratt ta' mpjieg għal żmien fiss, trid li l-appellant iħallasha dak li tipprovdi l-liġi, ladarba ma baqax jaħdem magħha għaż-żmien kollu miftiehem[14]. Min-naħa tiegħu, l-appellant jgħid li huwa ma kien marbut iħallas xejn lil FIN għaliex, fl-ewwel lok, il-kuntratt ta' mpjieg li huwa kellu ma' FIN kien wieħed għal żmien miftuħ (kuntratt indefinit) u mhux għal żmien fiss u għaliex, f'kull każ, kellu raġuni tajba għaliex telaq minn dak l-impjieg;

11. Illi l-qari tas-sentenza appellata u tar-rikors tal-Appell juri li l-każ idur mal-apprezzament ta' fatti u mal-kwistjoni ta' min mill-partijiet jixraqlu jitwemmen aktar mill-parti l-oħra;

---

[14] Art. 36(12) tal-Kap. 452.

12. Illi dan tant huwa minnu li **l-ewwel u t-tielet aggravji** tal-appellant jitkellmu sewwasew fuq din il-ħaġa. Billi l-Qorti tara li dawn iż-żewġ aggravji jintrabtu sewwa ma' xulxin, sejra tqishom flimkien. Bl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jikkritika l-proċess tal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Iqis li, minflok ma dik il-Qorti qagħdet fuq il-provi li tressqu quddiemha fl-atti, hija marret fuq ħwejjeġ jew fehmiet li ma joħorġux mill-atti tal-kawża u sawret il-konklużjonijiet tagħha dwar lil min mill-partijiet kellha temmen fuq tali "assunzjonijiet". Huwa jislet erba' (4) ċirkostanzi li jidhru fis-sentenza appellata li hu jqis li ma humiex suffragati mill-provi li hemm fl-atti u għalhekk bi ksur tar-regola li *quod non est in actis non est in mundo*. Dawn huma (i) li rappreżentant ta' FIN (Sergio Żammit) jgħid li kien jaf li l-appellant għażel li jitlaq minn ma' FIN minħabba li sab impjieg ieħor b'paga aħjar; (ii) li r-raġuni li wasslet lill-appellant iħalli l-impjieg minn ma' FIN kienet sewwasew il-paga ogħla li kien imwiegħed fil-post il-ġdid tax-xogħol li kien se jibda u liema raġuni wasslet lill-Ewwel Qorti biex tgħid li "*din impinġiet mhux ftit fuq il-kredibilità tiegħu*"; (iii) li l-Ewwel Qorti tenniet dik il-fehma tagħha f'banda oħra tas-sentenza appellata biex tgħid li l-kuntratt ta' mpjieg li kellu ma' FIN kien skomdu; u (iv) l-Ewwel Qorti qalet li r-riżenja mill-impjieg tal-appellant "*kienet iddettata minn xejn ħlief il-libera xelta tiegħu wara li nqalgħatlu opportunità ta' xogħol ieħor b'paga aħjar li huwa ma xtaqx jitlef*". L-appellant jgħid li dawn kienu ċirkostanzi li ma joħorġux mill-provi u li l-

Ewwel Qorti għamlitha ċara li sawru l-fehma tagħha għaliex dehrilha li kellha temmen lil FIN u mhux lilu;

13. Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jgħid li, minħabba li l-Ewwel Qorti daħħlet f'moħħha li r-raġuni għaliex huwa telaq mill-impjieg ma' FIN kienet minħabba li sab impjieg ma' ħaddieħor b'paga ogħla, ġara li kull prova li ressaq biex juri x'għamla ta' mpjieg kellu tassew ma' FIN twarbet mill-Ewwel Qorti. Huwa jgħid li, ladarba l-Ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex toqgħod fuq il-kelma tiegħu, (a) injorat kull prova dokumentali li ressaq, li turi li, wkoll mal-JobsPlus, l-impjieg tiegħu kien oriġinarjament reġistrat bħala mpjieg għal żmien miftuħ; (b) ma tatx piż għall-fatt li t-tagħrif li FIN innifisha bagħtet lil JobsPlus malli l-appellant beda jaħdem magħha kien jiddikjara li huwa kien daħal jaħdem magħha għal żmien miftuħ, u li kien biss wara li ta l-ittra ta' riżenja tiegħu li FIN intebħet bl-"iżball" li kienet bagħtet tagħrif mhux sewwa lil JobsPlus, u kif ukoll li JobsPlus qagħdet biss fuq it-tagħrif li bagħtitliha FIN u bidlet l-i*status* tal-impjieg tiegħu għal wieħed ta' żmien fiss, meta diġà temm l-impjieg tiegħu; (ċ) ma fehmitx x'kienet ir-raġuni għalfejn FIN talbitu jtawwal iż-żmien tiegħu biex jitlaq mill-impjieg minn magħha, ħalli jkollha żmien tirranġa r-"*records*" dwaru ma' JobsPlus; (d) ma tatx piż għall-fatt li FIN bagħtet l-ewwel darba kopja ta' kuntratt tiegħu lil JobsPlus wara li l-impjieg kien diġà ilu ħmistax-il (15) jum li ntemm; (e) ma tatx piż għax-xhieda tar-rappreżentant tal-JobsPlus, li turi li, malli ġraw dawn iċ-

ċirkostanzi, JobsPlus ratha stramba li t-talba għall-bdil tal-i*status* tal-impjieg tiegħu saret mill-prinċipal tiegħu wara daqstant żmien minn mindu kien inbeda l-impjieg, u kif, wara l-każ tiegħu, JobsPlus bidlet il-proċedura dwar ir-reġistrazzjoni fejn bdiet titlob li mar-reġistrazzjoni ta' mpjieg ġdid tintbagħtilha wkoll kopja mehmuża tal-kuntratt tal-impjieg; (f) ma qisitx li jekk tassew l-"iżball" li ħadet FIN meta rreġistrat l-impjieg tiegħu bħala wieħed indefinit kien żball ġenwin, għaliex ma tatux għall-anqas il-benefiċċju tad-dubju talli huwa mexa ma' dak li kienu juru r-*records* tal-impjieg tiegħu u ħelsitu mill-obbligu li jħallas lura l-penali lil FIN; u (ġ) li ma tat l-ebda kreditu lix-xhieda tiegħu li hu tassew ma kien ingħata qatt kopja tal-kuntratt li kien iffirma u wisq anqas tal-*e-mails* li kien bagħat lil FIN matul iż-żmien li kien dam jaħdem magħha;

14. Illi FIN tilqa' għal dawn iż-żewġ aggravji billi tfakkar li l-provi kollha u x-xhieda li xehdu tressqu, u nstemgħu mill-Ewwel Qorti, li kienet fl-aħjar qagħda li tapprezzahom u tgħarbilhom, u għalhekk tgħid li din il-Qorti ma għandhiex tiddisturba dak l-apprezzament imwettaq minn dik il-Qorti għaliex xejn ma tressaq mill-appellant, li juri li dak l-apprezzament ma kienx ekwu u ġust. Dwar l-ewwel aggravju, FIN tisħaq li l-kwistjoni li kellha titstħarreġ l-Ewwel Qorti kienet l-għamla tal-kuntratt ta' mpjieg li kellu magħha l-appellant u mhux x'wassal lill-appellant li jirriżenja minn dak l-impjieg. Minkejja dan, FIN tgħid li kien l-appellant innifsu li fl-affidavit tiegħu xehed li kien qed iħares lejn diversi opportunitajiet ta'

xogħol waqt li kien fl-impjieg ma' FIN, u għoġbitu l-opportunità li offrietlu l-kumpanija Pharmacare Premium li spiċċa mar jaħdem magħha fil-bidu tal-2015. FIN tgħid li, minn dan il-fatt biss, l-Ewwel Qorti kellha raġunijiet biżżejjed biex tasal raġonevolment għall-fehma li l-appellant kien bidel l-impjieg għaliex sab ieħor b'kundizzjonijiet – magħduda dawk finanzjarji – aħjar milli kellu magħha. Iżżid tgħid ukoll li l-Ewwel Qorti ma rabtitx il-fehma tagħha dwar in-nuqqas ta' kredibilità fl-appellant biss mal-mottiv li seta' wasslu biex iħalli l-impjieg tiegħu minn magħha, iżda wkoll u aktar importanti ma' ċirkostanzi oħrajn li fissrithom kollha fis-sentenza appellata biex turi għaliex ma setgħetx toqgħod fuq il-verżjoni tiegħu u għaliex kienet għażlet li toqgħod fuq il-verżjoni tagħha. Dwar it-tielet aggravju FIN laqgħet billi qalet li dak li jgħodd huwa l-kuntratt ta' mpjieg li sar bejnha u l-appellant, u t-tagħrif li ntbagħat lil JobsPlus kien formalità u ma jibdilx l-għamla ta' rabta kuntrattwali li kien hemm tassew bejn il-partijiet. Tisħaq li l-azzjoni kollha tagħha hija msejsa fuq dak il-kuntratt u l-għamla partikolari tiegħu, u l-ilmenti tal-appellant dwar x'qieset u x'messha qieset l-Ewwel Qorti, li jmorru lil hinn minn din il-kwistjoni, huma biss distrazzjoni biex tiġbed lil din il-Qorti milli tibqa' tiffoka fuq il-qofol veru tal-azzjoni attriċi. Hija ttenni li l-kuntratt ta' mpjieg tal-appellant kien wieħed għal żmien fiss; li l-appellant kien jaf li qed jiffirma kuntratt li jgħid hekk; li l-appellant ma ressaq l-ebda proċeduri biex iwaqqa' dak il-kuntratt fuq il-bażi tal-qerq li jgħid li sar minn FIN; u li t-tiswija tal-iżball amministrattiv

tat-tagħrif mibgħut lil JobsPlus kienet konsegwenza loġika biex tkun kompatibbli mal-għamla ta' kuntratt li l-appellant tassew kellu magħha;

15. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li dawn iż-żewġ aggravji jaqgħu f'dik l-għamla ta' stħarriġ li l-parti appellanti tistieden li Qorti tat-tieni istanza tagħmel fuq l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi magħmul minn Qorti tal-ewwel grad. Dwar ħaġa bħal din, ir-regola hi li din il-Qorti ma tindaħalx kif ġieb u laħaq fid-diskrezzjoni mwettqa mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi fattwali magħmul minnha sakemm ma joħroġx li dak l-apprezzament kien wieħed li ma joħroġx mill-atti tal-kawża, jew ma huwiex raġonevoli meta jitqiesu l-istess provi. Minkejja dan, u sabiex din il-Qorti tkun wettqet ukoll xogħlha, hija għandha tara sewwa x'inhuma l-provi li joħorġu mill-atti biex tkun f'qagħda li tqis jekk l-apprezzament imwettaq mill-Ewwel Qorti jkunx ħares kemm dak li joħroġ mill-atti proċesswali u kif ukoll il-grad ta' raġonevolezza msemmija aktar qabel;

16. Illi x-xilja ewlenija tal-appellant kontra l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tikkonsisti, li huwa jgħid li dik il-Qorti waslet għall-fehma tagħha li ma temminx il-verżjoni tiegħu fuq is-saħħa ta' suppożizzjoni li ma toħroġx mill-atti tal-kawża. Fi ftit kliem, l-appellant jgħid li r-raġuni li l-Ewwel Qorti tat biex waslet biex warrbet id-difiża tiegħu, kien il-mottiv li, skont hi, wasslu biex itemm l-impjieg tiegħu minn ma' FIN, meta dak il-mottiv ma joħroġx minn ebda prova jew

dokument li jinsab fl-atti tal-kawża. Il-Qorti ġabret fil-qosor dawn iċ-ċirkostanzi kollha li jsemmi l-appellant u li jislithom mis-sentenza appellata. Qieset dan l-ewwel aggravju tiegħu billi daret il-proċess kollu. Madankollu, tgħid mill-ewwel li l-konsiderazzjonijiet li semmiet b'reqqa u b'mod dettaljat l-Ewwel Qorti dwar x'wassalha temmen il-verżjoni ta' FIN u mhux dik tal-appellant, ma kinux jintrabtu biss ma' x'seta' wassal lill-appellant jitlaq mill-impjieg tiegħu minn ma' FIN. Għall-kuntrarju, bosta minnhom ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' x'seta' kien dak il-mottiv;

17. Illi din il-Qorti tqis li l-qofol tal-azzjoni attriċi kien imur lil hinn minn x'wassal lill-appellant jirriżenja mill-impjieg tiegħu ma' FIN. Sa ċeru punt, x'seta' wassal lill-appellant biex itemm l-impjieg tiegħu kien irrilevanti għall-każ jekk kellhomx jintlaqgħu t-talbiet attriċi. Il-qofol tal-kwistjoni li dwarha kellha taqta' u tiddeċiedi l-Ewwel Qorti – għaliex dak kien in-nuqqas ta' qbil ewlieni bejn il-partijiet – kienet l-għamla ta' kuntratt ta' mpjieg li l-appellant kellu ma' FIN. Ir-raġunijiet li tat l-Ewwel Qorti biex fissret għaliex waslet għall-fehma li l-kuntratt tal-impjieg tal-appellant kien wieħed għal żmien fiss joħorġu minn provi dokumentali u b'xhieda li dik il-Qorti raġonevolment setgħet taċċettahom. Din il-Qorti identifikat mill-anqas sitt (6) raġunijiet mogħtijin mill-Ewwel Qorti[15] għaliex waslet biex ma emmintx lill-appellant, u l-ebda waħda minnhom ma tintrabat mal-mottiv li fuqu l-appellant isejjes l-ewwel aggravju tiegħu. F'dak l-ewwel

[15] Sentenza f'paġġ. 307 *tergo* sa 308 *tergo.*

aggravju, l-appellant ma jagħti l-ebda raġuni jew imqar argument siewi biex juri kif dak l-eżerċizzju tal-Ewwel Qorti kien ħażin jew ma jiswiex. Il-fehma tal-Ewwel Qorti li dehrilha li ma kellhiex temmen lill-appellant, ma bnithiex fuq il-mottiv tar-riżenja, imma fuq min miż-żewġ partijiet ressaq l-aħjar provi dwar l-għamla ta' kuntratt li kien hemm bejniethom;

18. Illi l-Qorti mhi bl-ebda mod tinjora li l-Ewwel Qorti tassew għamlet il-kummenti li l-appellant isemmi fir-rikors tal-Appell tiegħu misluta mis-sentenza appellata, imma ma tarax li dawk kienu determinanti (għajr forsi għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, kif se jingħad aktar 'il quddiem[16]) biex tinħall il-kwistjoni tal-għamla ta' kuntratt li l-appellant kellu ma' FIN. Imma bl-insistenza tiegħu fuq il-mottiv "assunt" mill-Ewwel Qorti, l-appellant qiegħed jinjora x'konsiderazzjonijiet kellha tieħu l-Ewwel Qorti biex, l-ewwel u qabel kollox, tkun f'qagħda li tara min għandu raġun. F'dan ir-rigward, kienet f'waqtha l-istedina li FIN għamlet lil din il-Qorti fil-bidu tar-Risposta tagħha għall-appell meta qalet li din il-Qorti żżomm mal-"pern tal-kwistjoni, *ossia* n-natura tal-kuntratt ta' xogħol li kellu l-appellant";

19. Illi mbagħad, fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jitlaq mill-ġdid mill-premessa li l-Ewwel Qorti kienet għaġnet il-fehma tagħha dwaru fuq x'seta' wasslu biex jirriżenja minn ma' FIN, u kif, minħabba f'hekk, ma

[16] §§ 24 – 7 *infra.*

qisitx bosta provi u xhieda li kellhom iwassluha biex tara li huwa kellu raġun. Kien qiegħed jgħid is-sewwa u li FIN ippruvat tibdel is-sitwazzjoni saħansitra wara li kien avżaha li se jitlaq mill-impjieg tiegħu magħha. Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad aktar 'il fuq dwar l-ewwel aggravju. Iżżid tgħid li, hawnhekk ukoll, l-Ewwel Qorti kienet qiegħda tistħarreġ dwar l-għamla ta' kuntratt ta' mpjieg li l-appellant kellu ma' FIN, u s-siwi tal-allegazzjoni mqajma mill-appellant, li l-kuntratt li tassew kellu magħha ma kienx jgħid dak li joħroġ mill-kuntratt imressaq fl-atti tal-kawża. Dak l-eżerċizzju ta' stħarriġ kien jaqa' fid-dehen tal-Ewwel Qorti li kien meħtieġ biex tiddetermina min mill-partijiet kien qiegħed jgħid is-sewwa. Ma jfissirx li, għaliex dik il-Qorti għażlet li toqgħod fuq il-verżjoni ta' FIN, ma qisitx dawk is-seba' ċirkostanzi probatorji li jsemmi l-appellant. Għall-kuntrarju, l-Ewwel Qorti fissret għaliex kienet qiegħda tqis li għandha toqgħod fuq dik il-verżjoni, u s-sentenza appellata turi li dik il-Qorti elenkat aktar minn raġuni waħda għaliex għamlet dan. Għalkemm din il-Qorti ma taqbilx ma' FIN meta tgħid li t-tagħrif li jintbagħat lil JobsPlus mill-prinċipal ma huwiex aktar minn formalità (ukoll jekk jintbagħat ħażin), dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li fl-atti tal-kawża hemm għadd ta' provi li juru li l-Ewwel Qorti setgħet toqgħod fuq il-verżjoni mressqa minn FIN, u li l-kuntratt ta' mpjieg li kellu l-appellant kien tassew wieħed għal żmien fiss jew determinat;

20. Illi, għalhekk ukoll, din il-Qorti ma tarax għaliex l-Ewwel Qorti kellha tagħti “l-benefiċċju tad-dubju” lill-appellant dwar l-iżball imwettaq minn FIN fir-reġistrazzjoni tal-impjieg tiegħu mal-JobsPlus, meta xogħol l-Ewwel Qorti kien li tiddetermina l-għamla ta’ kuntratt u l-konsegwenzi li t-temm tal-impjieg qabel waqtu f’kuntratt bħal dak iġib fuq ir-rispettivi partijiet. In-natura tal-kuntratt ta’ mpjieg inħalqet mal-iffirmar tiegħu u mhux malli ntbagħat it-tagħrif dwaru lill-ETC u dik in-natura tal-kuntratt baqgħet torbot lill-partijiet sa ma nħall, u mhux għaliex il-JobsPlus intalbet tbiddel l-i*status* tal-kuntratt. B’mod partikolari, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kellha elementi probatorji tajbin biżżejjed biex issib li l-kuntratt ta’ mpjieg tal-appellant kien wieħed għal żmien fiss u li l-appellant ma seħħlux jipprova l-kuntrarju;

21. Għalhekk, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li la l-ewwel u lanqas it-tielet aggravji ma huma mistħoqqa u allura mhux se jintlaqgħu;

22. Illi bit-**tieni aggravju** tiegħu l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti tat tifsira għalkollox żbaljata tat-tielet eċċezzjoni tiegħu, li ddur fuq il-fatt, li huwa kellu raġunijiet tajba u biżżejjed għaliex temm l-impjieg tiegħu minn ma’ FIN, b’mod li waslet għall-fehma ’l bogħod għalkollox minn dak li kellu f’moħħu meta qajjem dik l-eċċezzjoni u ’l bogħod ukoll mill-fatti kif tassew ġraw. Huwa jkompli jfisser dan l-aggravju tiegħu billi jgħid li t-tifsira li l-Ewwel Qorti tat lil dik l-eċċezzjoni tiegħu kienet tikkontempla żewġ xenarji

(jew li kien hemm temm ta' mpjieg imġiegħel jew il-għaliex kien instab impjieg ieħor), li l-ebda waħda minnhom ma kienet f'moħħu meta qajjem dik l-eċċezzjoni. Huwa jiċċara li b'dik l-eċċezzjoni ried juri li huwa kellu bażi kuntrattwali tajba biex seta' jtemm l-impjieg tiegħu bla ma kellu għalfejn iħallas penali lil FIN, u dan għaliex il-kuntratt ta' mpjieg tiegħu kien wieħed miftuħ u mhux wieħed għal żmien definit. Jgħid ukoll li, fil-fatt, ladarba l-kuntratt kien wieħed għal żmien miftuħ, ma kellu għalfejn jagħti l-ebda raġuni biex itemm ir-rabta kuntrattwali tiegħu. L-appellant jgħid espressament: "*Kollox idur fuq jekk l-appellant kellux impieg definit jew indefinit u mhux x'inhi r-raġuni għala ddecieda li jagħti r-reżenja tiegħu*";

23. Illi, min-naħa tagħha, FIN tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid li huwa wieħed fieragħ u jkompli juri kemm l-Ewwel Qorti kellha raġun tgħid li l-appellant naqas milli jressaq imqar l-iċken prova biex jiġġustifika l-eċċezzjoni li kien qajjem. Wara kollox, la kienet eċċezzjoni li qajjem hu, kien jaqa' fuqu l-piż li jippruvaha;

24. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju jwaqqa' l-aggravju ta' qablu, għalkemm l-appellant jiddikjara li kien qiegħed iressqu bla preġudizzju għas-suespost. Meta jgħid li l-kwistjoni kollha tinġabar dwar x'kienet il-għamla tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu u li r-raġuni għaliex huwa telaq ma kellha l-ebda rilevanza, l-appellant qiegħed juri kemm ma kellux raġun

jilmenta mill-ħsieb tal-Ewwel Qorti li r-raġuni li wasslitu jirriżenja mill-impjieg ma' FIN kienet għaliex huwa kien sab post tax-xogħol ieħor b'kundizzjonijiet aħjar. Tabilħaqq, din il-Qorti taqbel mal-appellant u ttenni li l-eżerċizzju li l-Ewwel Qorti kellha tagħmel kien li tiddeċiedi jekk il-kuntratt ta' mpjieg tiegħu kienx wieħed għal żmien miftuħ jew indefinit, jew jekk kienx kuntratt għal żmien fiss;

25. Illi l-Ewwel Qorti sabet li l-kuntratt kien wieħed għal żmien definit jew fiss, u din il-Qorti ma għandhiex għalfejn toqgħod terġa' ssemmi r-raġunijiet u l-elementi identifikati mill-Ewwel Qorti biex waslet għal dik il-fehma. Dan ifisser li l-kwistjoni tal-għoti tal-avviż lill-prinċipal ma tidħolx, għaliex ir-rabta li jingħata avviż ta' temm l-impjieg (mill-prinċipal, fejn jgħodd il-każ, u mill-impjegat, għal liema raġuni tkun[17]) tidħol biss fejn il-kuntratt ta' mpjieg ikun wieħed għal żmien miftuħ. It-tielet eċċezzjoni tal-appellant tgħid li huwa "kellu raġunijiet tajba u biżżejjed għalfejn itemm l-impjieg tiegħu u għalhekk ebda ammont ma huwa dovut lilha". L-użu ta' dak il-kliem jimplika bilfors li l-appellant kien qiegħed jgħid li kellu raġuni tajba u suffiċjenti kif tifhimha l-liġi, liema ċirkostanza tqum meta l-kuntratt jintemm għall-għarrieda u mingħajr ir-rieda ta' xi waħda mill-partijiet. Fil-każ ta' mpjieg miftuħ, l-għażla tal-impjegat li jtemm ir-rabta ta' mpjieg ma teħtieġ l-ebda raġuni speċifika u l-kwistjoni ta' "raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz"[18] tgħodd biss fejn

[17] Art. 36(3) tal-Kap. 452.
[18] Art. 36(14) tal-Kap. 452.

ikun hemm xi raġuni serja u suffiċjenti li tippermetti lil xi parti jew l-oħra li ttemm ir-rabta ta' mpjieg bla ma jkun meħtieġ l-għoti tal-avviż. Dik iċ-ċirkostanza tgħodd ukoll fejn impjegat ikollu jtemm qabel waqtu kuntratt ta' mpjieg għal żmien fiss;

26. Illi l-Ewwel Qorti daħlet biex teżamina jekk l-appellant kienx seħħlu juri li kien hemm xi raġuni tajba u biżżejjed li setgħet teħilsu mill-ħtieġa li jagħti avviż jew li, fil-każ tal-kuntratt fiss li kellu, li jista' jtemmu qabel iż-żmien miftiehem. L-Ewwel Qorti ma sabet l-ebda prova ta' xi raġuni bħal din, u kien f'dan il-qafas li wriet il-fehma li r-raġuni li wasslitu jtemm l-impjieg kienet għaliex sab impjieg ieħor b'kundizzjonijiet aħjar. Issa l-appellant qiegħed jgħid li ma kellux għalfejn juri li kellu raġunijiet tajba u biżżejjed għaliex ma kellux bżonn raġuni tajba u biżżejjed biex jitlaq minn ma' FIN;

27. Illi din il-qagħda li qiegħed jieħu l-appellant turi kemm l-aggravju tiegħu dwar il-mod kif l-Ewwel Qorti qieset it-tielet eċċezzjoni tiegħu ma jreġix. Din il-Qorti tirrileva li meta l-appellant ressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-elenku ta' eċċezzjonijiet li jgħid li qajjem kontra l-azzjoni attriċi[19] ma huwiex l-istess bħall-eċċezzjonijiet li qajjem fir-risposta maħlufa tiegħu, u t-tielet eċċezzjoni lanqas biss semmiha u wisq anqas ressaq xi sottomissjoni dwarha. F'dik in-nota ta' sottomissjonijiet

[19] Ara paġ. 214 tal-proċess.

kellu kull opportunità li jfisser aħjar dik l-eċċezzjoni, imma ma għamel xejn minn dan. Issa ma jistax ilum lill-Ewwel Qorti li naqset li tifhem x'ried jgħid b'dik l-eċċezzjoni jekk huwa nnifsu ma ħassx il-ħtieġa li jiċċaraha. Madankollu, kif ingħad qabel, l-użu ta' ċerti kliem f'dik l-eċċezzjoni għandu għan u tifsira preċiża li tiġġustifika għalkollox għaliex l-Ewwel Qorti qieset kif qieset is-siwi tagħha u fittxet jekk inġabux provi tajbin biex isostnuha;

28. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li lanqas dan l-aggravju ma huwa tajjeb u mhix se tilqgħu;

29. Illi mill-bqija, l-appellant ma qajjem l-ebda aggravji oħrajn dwar jekk l-ammont kanonizzat huwiex tajjeb. Min-naħa l-oħra, FIN lanqas ma appellat minn dik il-parti tas-sentenza appellata li titkellem dwar it-tieni eċċezzjoni tal-appellant dwar l-imgħaxijiet, ladarba l-appellant iddepożita s-somma kollha mitluba minn FIN taħt l-awtorità tal-Qorti biex seta' waqqa' l-mandat ta' sekwestru li hija kienet ħarġet kontrih bi tħaris tal-pretensjonijiet tagħha f'din il-kawża;

***Decide:***

30. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-intimat mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Settembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għalkollox dik is-sentenza; u

**Tordna** li l-appellant iħallas l-**ispejjeż** ta' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm